# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Frar 2020**

**Rikors Numru : 433/2019 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**RZ**

**Vs**

**CZ**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' RZ datat 24 ta' Settembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Il-kontendenti żżewwġu fit-tmintax (18) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u disgħa u sebgħin (18.08.1979) kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat dok A, u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal, ossia J u T, illum huma it-tnejn maġġorenni.*

*Il-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dott Toio Cauchi fil-ħamsa (5) ta' Diċembru elfejn u tnejn (2002) li kopja tiegħu jinsab hawn anness u mmarkat Dok 'B'.*

*Ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti stante ili minbarra li ilhom għal dawn l-aħħar sbatax-il sena mifrudin, illum huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.*

*Anqas ma hemm pendenzi ta' manteniment, u l-att ta' separazzjoni qiegħed jiġi osservat fl-intier tiegħu.*

*Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-art 66 B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-partijiet huma domiċiljati Malta u dejjem kienu ordinarjament residenti ġewwa Malta.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia, l-ħall taż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet fit-tmintax (18) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u disgħa u sebgħin (18.08.1979).*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat il-verbal datat 27 ta' Novembu 2019 fol 13, fejn wara li l-Qorti spjegat d-drittijiet legali tal-konvenuta, il-konvenuta rrispondiet li ma tehtiegx assistenza legali u ma topponiex ghat-talba tad-divorzju;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**RZ** xehed (fol 14) illi huwa iżżewweġ lil CZ fit-18 ta' Awwissu tan-1979 u li minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal, illum maġorenni. Dan iż-żwieġ ma irnexxiex u iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fil-5 ta' Diċembru tat-2002 Mid-data tas-separazzjoni 'l hawn, ma kienx

hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u lanqas hemm tama tal-istess. Arretrati ta' manteniment ma hemmx.

**CZ** xehdet (fol 16) u ikkonfermat u ikkorraborat dak li xehed RZ.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Awwissu 1979 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt itfal, illum it-tnejn maġorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi, datat 5 ta' Diċembru 2002 (vide Dok. B fol 5 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ferm ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi arrettrati ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jithallsu mill-attur skond l-obbligazzjoni mehudha minnu fis-27 ta' Novembru 2019.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**